A.L. 2 ta' l-2011

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2011 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33(1), 36(6) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il Prim Ministru għamel l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2010 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, u għandu jiftiehem u jinqara ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

A.L. 32 ta' l-2000.

Jemenda l-artiklu 1 ta' l-Ordni prinċipali.

2. Minnufih wara l-kliem "Kunsilli Lokali" fl-artiklu 1 ta' l-Ordni prinċipali, għandhom jiżdiedu l-kliem "u Kumitati Reġjonali".

Jemenda l-artiklu 2 ta' l-Ordni prinċipali.

3. L-artiklu 2 ta' l-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartiklu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Kumitat Konġunt" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew Kumitat Reġjonali";

(b) fis-subartiklu (2) tiegħu, minflok il-kliem minn "Dik id-delega" sal-kliem "fit-Tieni Skeda:" għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Dik id-delega hawn aktar qabel imsemmija għandha sseħħ għar-rigward ta' kull Kunsill Lokali jew Kumitat Reġjonali sa mid-data murija dwar dak il-Kunsill Lokali jew Kumitat Konġunt jew Kumitat Reġjonali fit-Tieni Skeda:"; u

(ċ) minnufih wara s-subartiklu 2 tiegħu, għandu jidħol dan is-subartiklu ġdid li ġej:

"(3) Il-Ministru jista' b'Ordni jirtira d-delega mogħtija lil Kunsill Lokali jew Kumitat Konġunt jew Kumitat Reġjonali u dak l-Ordni għandu jibda jseħħ mill-ġurnata indikata fit-Tieni Skeda:

Iżda meta tiġi stabbilita dik id-data, kull avviż ta' kontravenzjoni maħruġ minn dak il-Kunsill Lokali għandu jibqa' validu u kull proċediment quddiem tribunal jew qorti għandu jitkompla f'isem dak il-Kunsill Lokali sakemm il-proċedimenti kollha dwar dik il-kontravenzjoni jiġu eżawriti.".

Jemenda l-artiklu 3 ta' l-Ordni prinċipali.

4. Fl-artiklu 3 ta' l-Ordni prinċipali, minnufih wara l-kliem "Kumitat Konġunt" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew Kumitati Reġjonali".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali.

5. Fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali, minnufih fi tmiemha, għandu jiżdied dan li ġej:

"Regolamenti tal-2003 dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur (A.L. 146 tal-2003) Regolament 68".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali.

6. It-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-kliem "(Artikolu 2(2))" għandhom jidħlu l-kliem "Artikolu 2(2) u (3)"; u

(b) minnufih wara l-kolonna bl-intestatura "Data tad-delega effettiva" għandha tiżdied it-tielet kolonna ġdida bl-intestatura "Data tat-terminazzjoni tad-delega".